# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Nru. 60/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christina Delia)**

**kontra**

**Carmel Mallia**

Illum 5 ta' Dicembru, 2022

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Mallia Detentur tal-karta tal-identita' numru 211974M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar il-21 ta' Settembru 2019 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra (22:00) u l-ħdax u għoxrin (23.20) ta' filgħaxija ġewwa Birkirkara:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' martu Claudette Mallia Farrugia skont kif ċċertifikat minn Dr Tracey Lee Vidal Numru tar-Reġistrazżżjoni 3072 taċ-Ċentru tas-Saħħa, il-Mosta;

U aktar talli fil-21 ta' Settembru 2019 u / jew fil-ġranet u xhur ta' qabel ġewwa Birkirkara u f'lokalitajiet oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ta fastidju lil martu Claudette Mallia Farrugia b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju għal dil il-persuna;
3. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil martu Claudette Mallia Farrugia biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha;
4. Għamel lil martu Claudette Mallia Farrugia inġurji/u theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali jew jekk kien pprovokat inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti kienet mitluba titratta lill-imputat bħala reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta hu kien instab ħati u kkundannat għal reati b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' martu Claudette Mallia Farruiga billi jkunu applikati l-provvedimenti tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll biex flimkien mal-ordni ta' protezzjoni toħroġ ordni ta' trattament li jkun meħtieġ fil-konfront tal-akkużat Carmel Mallia u dan ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet ukoll li ,fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-

esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2020 fl-ismijiet premessi li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi u kkundannatu tnax (12) -il xahar priġunerija. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qieghdet lill-imputat taħt l-Ordni ta' Trattament għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar mid-data tas-sentenza taħt il-kura tal-psikjatra David Cini u dan skond il-kondizzjonijiet indikati fid-digriet li kien anness mas-sentenza;

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kap 9 l-Qorti ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data tas-sentenza ghal-protezzjoni ta' Claudette Mallia Farrugia.

Rat ir-rikors ta' Carmel Mallia pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Marzu 2020 li bih talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fil-parti li biha nstab ħati tal-imputazzjonijiet indikati mill-ewwel Qorti u tirrevokaha u **tibdilha** in kwantu jikkonċerna l-piena u minflok tgħaddi biex tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta fid-dawl taċ-ċirkostanzi u natura tal-każ;

Rat l-atti processwali;

Semghet lill-parte civile bil-gurament;

Semghet lill-partijiet fis-sottommissjonijiet orali taghhom;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif ordnata mill-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bl-aggravju singolari li din il-piena hija wahda eccessiva tenut kont tad-diversi fatturi fosthom l-ammissjoni u l-koperazzjoni tal-imputat, il-fedina mhux refrattarja tieghu u r-rieda manifesta tieghu li l-familja tibqa' maghqud u li jirrinunzjaw ghall-allegazzjonijiet taghhom;

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz joriginaw minn rapport li l-kwerelanta ghamlet mal-Pulizija b'telefonata fejn talbet l-assistenza taghhom wara li kienet ssawtet minn zewgha waqt li kienet fir-residenza taghha wara li kienu rritornaw flimkien mill-kazin ta' Sant'Antnin. Ic-certifikat mediku esebit mill-prosekuzzjoni juri li inhareg fil-konfront tal-kwerelanta bis-segwenti offizi: "nefha, hmura u tbengil fuq in-naha l-leminija tad-dahar (Lower ribs), fuq l-ahhar kustilji" liemi offizi kienu certifikati bhala "slight save complications". L-imputat kien tressaq b'arrest quddiem il-Qorti Istruttorja u ammetta l-imputazzjonijiet fl-ewwel udjenza bil-konsegwenza illi ma nsetemghu ebda provi ohra ghajr dik tal-Ufficcjal tal-Probation fit-thejjija ta' Pre Sentencing Report ordnat mill-Qorti Istruttorja fuq talba tal-imputat;

3. Illi fir-ragunament mressaq mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, konxju tal-fatt illi bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti dwar il-piena kominata, jinsisti illi s-sena prigunerija mposta fuqu mhix piena idonea ghaliex din ma

tohloqx bilanc bejn il-hsara minnu sfortunatament kawzata u l-gustizzja li trid tidher li qed issehh;

4. Illi dwar dan, l-appellant jibda biex jezalta l-aspett riformattiv tal-gustizzja u jissokta jistaqsi kif l-ewwel Qorti emmnet li dik il-piena kienet wahda idoneja u adegwata fi hdan ta' tali aspett riformattiv; illi karcerazzjoni mhix ser tkun ta' soluzzjoni ghall-problema tal-imputat; illi tali piena ser tghin biex tkompli tiddeterjora r-relazzjoni bejnu u bejn martu u binthhom; illi l-imputat ma huwiex bniedem refrattarju u jehtieg l-ghajnuna. L-appellant huwa ukoll kritiku tal-fatt illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni nota tal-kwerelanta li biha nfurmatha li fil-mori l-imputat kien tressaq il-Qorti fuq kaz iehor ta' vjolenza kontra taghha u li ghalhekk kienet influwenzata b'din l-allegazzjoni meta kien ghadu meqjus innocenti f'dak ir-rigward;

5. Ezaminata s-sentenza appellata, jemergi illi fil-parti tal-konsiderazzjonijiet dwar il-piena, l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed tiehu konjizzjoni tan-nota ppreżentata mill-parte civile fis-17 ta' Frar 2020 a fol 82. Din in-nota tgħid hekk:

> 'li permezz tagħha hija tinforma lil din l-Onorabbli Qorti illi l-imputat reġa' jinsab taħt arrest preventiv wara li aggrediha nhar is-7 ta' Frar 2020 u tressaq fuq akkużi simili u dan jista' jiġi kkonfermat mill-Uffiċjal Prosekutur Elton Taliana.'

6. Din in-nota kienet introdotta mill-parte civile wara li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza izda minflok li, kif donnu qed ikun suggerit, l-ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr ma dik in-nota ingiebet a konjizzjoni tad-difiza, tat l-opportunita lid-difiza

taghmel sottomissjonijiet f'dak ir-rigward u l-istess imputat ddikjara li ma kellux sottomissjonijiet ulterjuri x'jaghmel wara l-introduzzjoni tan-nota. Ifisser dan li l-imputat la kkontesta l-kontenut tan-nota u l-effett taghha li din setghet kellha fuq is-sentenza. Ghalhekk ma jistghax issa l-imputat appellant jissoleva l-kritika tieghu ghal-fatt li l-ewwel Qorti hadet konjizzjoni taghha. Inoltre mkien fis-sentenza appellata ma jidher li l-ewwel Qorti bbazat il-*quantum* tal-piena fuq din in-nota. Kulma ghamlet il-Qorti tal-ewwel grad kien li ddikjarat li rat in-nota tal-parte civile u dan bhala stat ta' fatt;

7. Illi fil-konsiderazzjonijiet fuq il-piena wara li l-ewwel Qorti sabet htija stante ammissjoni, ikkunsidrat li : "*l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkunsidrat ukoll ir-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer fil-Pre-Sentencing Report izda kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa recediv kif ukoll ir-riluttanza tieghu li jikkollabora mal-Proabtion Officer billi jghidilha il-verita' u kkunsidrat ukoll dak li gabet a konjizzjoni taghha l-parte civile permezz tan-nota .....*". Kif gia inghad, dik in-nota tiddikjara biss bhala stat ta' fatt li l-imputat kien jinsab taht arrest preventiv fuq kaz iehor allegatament kommess fil-mori ta' dik il-kawza. Din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli fil-komportament tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward la darba l-piena kienet kalibrata fuq fatturi ohra anke jekk fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti riedet tkun kawta dwar is-sanzjoni fil-fehma taghha l-aktar idonea ghal-kaz;

8. Illi, kwantu l-aspett riformattiv tal-gustizzja, jibda biex jinghad illi kull kaz jehtieg li jkun deciz fuq il-mertu tieghu u mhux bil-paraguni li hafna drabi huma odjuzi. Il-kalibrar tal-piena huwa

wiehed mill-aktar aspetti difficili tal-kawza wara li tirrizulta htija u hemm hafna u hafna parametri li fihom ghandha tittiehed decizzjoni u huwa proprju ghalhekk li hafna drabi l-ligi tipprovdi ghal-minimu u massimu ta' piena erogabbli sabiex thalli dan fid-diskrezzjoni tal-gudikant. Kif tajjeb osserva l-appellant, illum hemm enfasi kbira fuq gustizzja riparatrici. Dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tghalaq ghajnejha ghall-dak li verament ghandha ssawwar il-piena anke jekk din tissarraf fil-firda u tbeghid bejn il-hati u l-familjari tieghu. Tajjeb li qabel xejn ikun konsiderat dak li tipprovdi l-ligi *qua* piena ghall-dak li dwaru nstab hati l-imputat;

9. Illi fl-ewwel imputazzjoni l-imputat kien passibbli ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux aktar minn sentejn jew il-multa liema piena tizdied bi grad ghaliex kommessa fuq il-konjugi (art 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Dan gia jfisser li kien passibbli ghal-piena ta' tliet snin prigunerija li terga' tizdied bi grad jew tnejn iehor stante li l-imputat ammetta ukoll ghall-addebitu ta' recidiva. Il-piena ghar-reat ta' fastidju ravvizat fit-tieni u t-tielet imputazzjoni hi ta' prigunerija minn sitt xhur sa sentejn jew multa ta' mhux anqas minn €5,000 u izda mhux aktar minn €10,000 jew it-tnejn flimkien, liema piena izda tizdied bi grad skond l-artikolu 251AA, ukoll soggetta ghal zieda ohra minn grad sa zewg gradi stante li l-imputat kien recidiv li f'dan il-kaz setghet tizdied sa hames snin prigunerija. Issa, l-ewwel Qorti kkalibrat il-piena kif jiddisponi l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali li fis-subartikolu (b) tieghu jiddisponi li persuna hatja ta' zewg delitti jew izjed, li jaqghu taht pieni li jnaqqsu ghal zmien il-liberta' personali, tkun kkundannata ghall-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien.

Ifisser dan illi bil-kundanna ta' tnax-il xahar prigunerija, l-ewwel Qorti effettivament erogat piena fil minimu taghha. Dak li allura l-appellant qed jikkontesta hu jekk kienx jimmerita piena alternattiva minflok dik karcerarja. U hawn hu proprju fejn din il-Qorti ma tara ebda raguni eccezzjonali ghaliex ghandha tissindika jekk ghandhiex tirrimpjazza d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti;

10. Tajjeb li jerga' jkun osservat illi qabel ma ghaddiet biex teroga il-piena lamentata, l-ewwel Qorti kkomissjonat Pre Sentencing Report fuq talba tal-imputat minn liema rapport rrizultat attitudini xejn felici fil-komportament tieghu. Kellha quddiemha ukoll il-fedina penali tal-imputat u frankament din il-Qorti ma tistax tifhem kif dan jghid li din mhix wahda reffrattarja;

11. Irid jinghad ukoll illi filwaqt illi r-riforma tal-persuna u r-ritorn ghan-normalita' fil-hajja bejn il-familjari hija haga ferm pozittiva u ghalhekk sollecitata' mill-Qrati taghna, din il-Qorti trid tkun konvinta li dik ir-riforma sehhet jew tista' ssehh u kien ghalhekk illi din il-Qorti laqghet it-talba tal-appellant sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza odjerna sabiex tisma' lill-kwerelanta dwar l-allegazzjoni li minn meta kien deciz dan il-kaz mill-ewwel Qorti sal lum qatt ma kien hemm incidenti ohra. Il-Qorti semghet lill-parte civile li ddikjarat li ghadha mbezza' mill-imputat u li ghamlet rapporti ohra dwaru fil-passat u ratu ukoll fil-vicinanzi ta' fejn tirrisjedi anke jekk huwa projbit milli jkun gewwa Birkirkara. L-allegazzjoni tal-appellant allura bil-produzzjoni tal-istess parte civile hija wahda infondata;

12. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud b'dan illi t-termini mposti mill-ewwel Qorti kwantu l-applikazzjoni tal-artikoli 412D u 412 C jibdew għaddejin mid-data ta' din is-sentenza.

13. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jieħu ħsieb li l-appellant jingħata l-kura kollha meħtieġa, stante d- deposizzjoni tal-psikjatra Dr Beppe Micallef Trigona fl- udjenza tallum.